**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**(Sede Kostituzzjonali)**

**IMĦALLEF**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**ILLUM, it-Tlieta 17 ta' Novembru, 2015**

**Kawża Numru 4 (Kost.)**

**Rik. Nru. 67/09JRM**

Dr. Emmanuel **BORDA**

vs

Professur Juanito **CAMILLERI**, fil-kwalita' tiegħu ta' Rettur ta' l-Universita' ta' Malta, Professur Roger Ellul Micallef, Professur Lino Briguglio, Professur Daniel Darmanin u Joseph Magro, u b'degriet tas-16 ta' Marzu, 2010, issejjaħ fil-kawża l-Avukat Ġenerali

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fl-4 ta' Diċembru, 2009, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ir-rikorrent talab li din il-Qorti (a) issib li l-għemil tal-intimati jew ta' min minnhom fiċ-ċaħda tat-talba tiegħu għall-mili ta' kariga ta' lettur fi ħdan il-Fakulta' tal-Ekonomija fl-Universita' ta' Malta kisret il-jeddijiet fundamentali tiegħu kif imħarsin bl-artikoli 36 u 45 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta, u kif ukoll tal-artikoli 3 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem; (b) tillikwida d-

danni minnu mġarrbin minħabba dak il-ksur; (ċ) tikkundanna lill-intimati jew lil min minnhom iħallsuh id-danni hekk likwidati; u (d) tagħtih kull ordni jew direttiva oħra li jidhrilha xierqa u opportuna għall-ħarsien tal-jeddijiet fundamentali tiegħu;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tad-9 ta' Diċembru, 2009, li bih appuntat il-kawża għas-smigħ għat-12 ta' Jannar, 2010;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati fit-18 ta' Diċembru, 2009, li biha laqgħu għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalu li r-Rettur intimat huwa bil-liġi l-kontradittur leġittimu waħdieni, u għalhekk l-intimati l-oħrajn għandhom jinħelsu milli jibqgħu fil-kawża; ladarba din hija azzjoni ta' lment dwar ksur ta' jeddijiet fundamentali, jmissu jissejjaħ fil-kawża l-Avukat Ġenerali li jidher f'dawn il-proċeduri bħala rappreżentant tal-Istat Malti; li r-rikorrent naqas milli jinqeda bir-rimedji ordinarji li kellu disponibbli u għaldaqstant il-Qorti jmissha tagħżel li ma tinqediex bis-setgħat tagħha biex tisma' din il-kawża. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li t-talbiet tar-rikorrent mhumiex mistħoqqa u ma jistgħu qatt jintlaqgħu għaliex la taħt il-Kostituzzjoni u lanqas taħt il-Konvenzjoni ma huwa magħruf xi jedd li persuna ma ssirx diskriminazzjoni magħha dwar l-eta' tagħha u għaldaqstant jonqos fir-rikorrent l-istatura ta' "vittma". Żiedu jgħidu li biex ikun jgħodd l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni, il-ksur irid ikun marbut ma' xi jedd imħares taħt xi artikolu ieħor tal-Konvenzjoni u għalhekk f'dan il-każ ma hemmx rabta bejn il-fatti u l-ksur ilmentat. Ċaħdu li fil-każ tar-rikorrent seħħ xi trattament degradanti jew inuman li jilħaq il-livelli mistennija kemm taħt il-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt il-Konvenzjoni;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-12 ta' Jannar, 2010[1], li bih ordnat li jinġiebu quddiemha l-atti tal-kawża Ċitazz. Numru 1908/01 fl-ismijiet "*Dr. Emmanuel Borda vs Professur Roger Ellul-Micallef noe et*" maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Mejju, 2009, u li r-rikorrent iressaq il-provi tiegħu bil-mezz tal-affidavit saż-żmien hemm lilu mogħti;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tas-16 ta' Marzu, 2010[2], li bih ordnat is-sejħa fil-kawża tal-Avukat Ġenerali u fejn l-intimati irtiraw it-tielet eċċezzjoni (preliminari) tagħhom;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-imsejjaħ fil-kawża Avukat Ġenerali fit-30 ta' Marzu, 2010, li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qal li hu ma kienx il-kontradittur leġittimu tal-istess azzjoni attriċi għall-finijiet

[1] Paġ. 16 tal-proċess
[2] Paġ. 23 tal-proċess

tal-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u talab li jinħeles milli jibqa' fil-kawża. Fil-mertu, laqa' billi ċaħad li r-rikorrent tabilħaqq ġarrab ksur ta' xi jedd fundamentali tiegħu taħt l-artikoli minnu imsemmija, u li l-fatt waħdu li hu ma ntgħażilx biex jimla l-post ta' lettur ma jfissirx li b'hekk sar miegħu att diskriminatorju jew ingħata trattament inuman jew degradanti;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-22 ta' Ġunju, 2010[3], li bih ħatret lill-avukat Michael Camilleri bħala Assistant Ġudizzjarju biex jisma' x-xhieda tal-partijiet;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet kemm quddiem l-imsemmi Assistent Ġudizzjarju u kif ukoll quddiem il-Qorti;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mir-rikorrent fit-13 ta' April, 2012[4];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imsejjaħ fil-kawża fil-15 ta' Mejju, 2012[5], bi tweġiba għal dik tar-rikorrent;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mir-Rettur intimat fis-16 ta' Mejju, 2012[6], bi tweġiba għal dik tar-rikorrent;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tas-17 ta' April, 2012[7], li bih kienet ħalliet il-kawża għas-sentenza;

Rat is-surroga tat-8 ta' Jannar, 2013[8], li biha din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif issa presjeduta;

Rat id-dikjarazzjoni magħmula mill-avukati difensuri tal-partijiet fil-kawża waqt is-smigħ tal-31 ta' Jannar, 2013[9], li biha qablu li l-Qorti kif presjeduta setgħet tkompli tisma' u taqta' l-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża u kif ukoll, u safejn rilevanti, l-atti tal-kawża Ċitazz. Nru. 1908/01LFS;

[3] Paġ. 30 tal-proċess
[4] Paġġ. 155 sa 189 tal-proċess
[5] Paġġ. 192 sa 201 tal-proċess
[6] Paġġ. 202 sa 214 tal-proċess
[7] Paġ. 190 tal-proċess
[8] Paġ. 215 tal-proċess
[9] Paġ. 216 tal-proċess

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni dwar ksur ta' jedd fundamentali. Bl-azzjoni tiegħu, ir-rikorrent qiegħed jilmenta li ġarrab ksur tal-jeddijiet tiegħu li ma jkunx mogħti trattament degradanti u inuman u li ma ssirx miegħu diskriminazzjoni kemm taħt l-artikoli 36 u 45 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Kostituzzjoni"), u kif ukoll taħt l-artikoli 3 u 14 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni"). Huwa jgħid li l-ksur ta' dawn il-jeddijiet ġarrabhom minn idejn l-intimati, jew min minnhom, waqt u b'effett ta' *interview* li kien issejjaħ jattendi quddiem Bord tal-Għażla (aktar 'il quddiem imsejjaħ "il-Bord") magħmul mill-istess intimati, wara sejħa għal applikazzjonijiet għall-mili ta' kariga ta' lettur fid-Dipartiment tal-Ekonomija fi ħdan il-Fakulta' ta' l-Ekonomija, *Management* u *Accountancy* (F.E.M.A.). Huwa jgħid li, minkejja l-ħiliet u kwalifiki li kellu meta mqabbla mal-kandidati l-oħrajn li wkoll wieġbu għas-sejħa u ntgħażlu, hu baqa' ma ntgħażilx minħabba l-eta' li kellu dakinhar li sar l-*interview*. Huwa qiegħed jitlob li l-Qorti ssib li tassew ġarrab ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu u li jingħata kumpens f'danni għall-umiljazzjoni li ħass minħabba li ntuża miegħu dan il-kejl u minħabba li twarrab mill-Bord. Talab ukoll il-likwidazzjoni u l-kundanna tal-intimati, jew ta' min minnhom, għall-ħlas lilu tad-danni b'kumpens għall-ksur tal-jeddijiet minnu mġarrab;

Illi għal din l-azzjoni, l-intimati laqgħu billi, b'mod preliminari, qalu li r-Rettur intimat huwa bil-liġi l-kontradittur leġittimu waħdieni, u għalhekk l-intimati l-oħrajn għandhom jinħelsu milli jibqgħu fil-kawża; ladarba din hija azzjoni ta' lment dwar ksur ta' jeddijiet fundamentali, jmissu jissejjaħ fil-kawża l-Avukat Ġenerali li jidher f'dawn il-proċeduri bħala rappreżentant tal-Istat Malti; li r-rikorrent naqas milli jinqeda bir-rimedji ordninarji li kellu disponibbli u għaldaqstant il-Qorti jmissha tagħżel li ma tinqediex bis-setgħat tagħha biex tisma' din il-kawża. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li t-talbiet tar-rikorrent mhumiex mistħoqqa u ma jistgħu qatt jintlaqgħu għaliex la taħt il-Kostituzzjoni u lanqas taħt il-Konvenzjoni ma huwa magħruf xi jedd li persuna ma ssirx diskriminazzjoni magħha dwar l-eta' tagħha u għaldaqstant jonqos fir-rikorrent l-istatura ta' "vittma". Żiedu jgħidu li biex ikun jgħodd l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni, il-ksur irid ikun marbut ma' xi jedd imħares taħt xi artikolu ieħor tal-Konvenzjoni u għalhekk f'dan il-każ ma hemmx rabta bejn il-fatti u l-ksur ilmentat.

Ċaħdu li fil-każ tar-rikorrent seħħ xi trattament degradanti jew inuman li jilħaq il-livelli mistennija kemm taħt il-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt il-Konvenzjoni;

Illi wara li l-Qorti kienet ipprovdiet dwar is-sejħa fil-kawża tal-Avukat Ġenerali, l-intimati rtiraw it-tielet eċċezzjoni preliminari tagħhom waqt is-smigħ tas-16 ta' Marzu, 2010;

Illi, l-imsejjaħ fil-kawża Avukat Ġenerali laqa' għall-azzjoni tar-rikorrent billi, b'mod preliminari, qal li hu ma kienx il-kontradittur leġittimu tal-istess azzjoni attriċi għall-finijiet tal-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u talab li jinħeles milli jibqa' fil-kawża. Fil-mertu, laqa' billi ċaħad li r-rikorrent tabilħaqq ġarrab ksur ta' xi jedd fundamentali tiegħu taħt l-artikoli minnu imsemmija, u li l-fatt waħdu li hu ma ntgħażilx biex jimla l-post ta' lettur ma jfissirx li b'hekk sar miegħu att diskriminatorju jew ingħata trattament inuman jew degradanti;

Illi mill-atti tal-kawża u tal-proċeduri mnedijin mir-rikorrent quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili joħorġu l-fatti tal-każ rilevanti għall-kwestjoni li l-Qorti għandha quddiemha llum. Dawn juru li r-rikorrent twieled f'Awwissu tal-1941. Hu kien beda jagħti servizz bħala *Assistant Lecturer* (T4) fuq bażi *part-time* fil-Fakulta' tal-Ekonomija f'Ottubru tal-1997[10], wara karriera twila fis-servizz ċivili u fil-qasam tal-imprenditorija privata, u kif ukoll bħala deputat fil-Kamra tar-Rappreżentanti[11]. Huwa gradwat ukoll fil-qasam tal-Ekonomija sal-livell ta' Dottorat (Ph.D.) mill-Universita' ta' Malta;

Illi sa Ottubru tal-2001, ir-rikorrent kien tela' għal grad ta' lettur (T6) *part-time* fi ħdan l-imsemmija Fakulta';

Illi f'Jannar tal-2001[12], il-Fakulta' (F.E.M.A.) ħarġet sejħa pubblika għall-mili ta' żewġ karigi ta' professur assoċjat, lettur anzjan jew lettur (skond il-kwalifiki akkademiċi tal-persuna magħżula) *full-time*, wieħed f'*International Economics* u l-ieħor f'*Resources Economics* u dan bil-kundizzjonijiet hemm imfissra. Ir-rikorrent tefa' l-applikazzjoni għaż-żewġ karigi li għalihom ikkonkorrew żewġ applikanti oħrajn. Dak iż-żmien ir-rikorrent kien qorob biex jagħlaq sittin (60) sena;

Illi r-rikorrent issejjaħ għal intervista mill-Bord (magħmul mill-intimati) u sarulu mistoqsijiet. Huwa jgħid li fost il-mistoqsijiet saru wħud li rabtu t-

---
[10] Dok "UOM1", f'paġ. 147 tal-proċess
[11] Affidavit tiegħu 11.2.2010, f'paġġ. 19 – 22 tal-proċess
[12] Dokti "EB1" u "EB2", f'paġġ. 5 – 6 tal-atti tal-kawża Ċitazz. 1908/01LFS

tweġibiet mal-eta' tiegħu[13]. Il-Bord ma għażilx lir-rikorrent għall-ebda waħda miż-żewġ karigi[14] u ż-żewġ konkorrenti l-oħrajn li ntgħażlu kienu iżgħar minnu fl-eta'. Huwa jgħid li l-fattur li wassal lill-Bord biex jiddeċiedi li ma jagħżilx lilu kienet l-eta' tiegħu, għaliex mill-bqija kellu kwalifiki u esperjenza biżżejjed li jisbqu lil dawk li kellhom iż-żewġ kandidati l-oħrajn;

Illi fil-21 ta' Diċembru tal-2001, ir-rikorrent fetaħ kawża ta' stħarriġ ġudizzjarju (Ċitazz. Nru. 1908/01) kontra r-Rettur tal-Universita' kemm bħala rappreżentanti tal-istess Universita' u kif ukoll bħala ċ-*Chairperson* tal-Bord dwar iċ-ċaħda tal-applikazzjoni tiegħu biex jingħata kariga mal-Fakulta';

Illi l-ħatra tar-rikorrent bħala lettur *part-time* mal-Fakulta' ntemmet b'seħħ mill-1 ta' Ottubru, 2003[15], ftit żmien wara li għalaq tnejn u sittin (62) sena;

Illi b'sentenza mogħtija fis-6 ta' Diċembru, 2006, u għar-raġunijiet hemm imfissra, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabet favur ir-rikorrent u qatgħetha li d-deċiżjoni tal-Bord ma kenitx tiswa u kienet mingħajr effett;

Illi l-Universita' ta' Malta appellat minn dik is-sentenza (u kif ukoll minn sentenza preliminari li kienet ingħatat fit-30 ta' Jannar, 2003). B'sentenza mogħtija fid-29 ta' Mejju, 2009, u għar-raġunijiet hemm imsemmija, il-Qorti tal-Appell ċaħdet l-appell tal-Universita' dwar is-sentenza preliminari ta' Jannar 2003, imma laqgħet l-appell tagħha dwar is-sentenza fil-mertu tas-6 ta' Diċembru, 2006;

Illi r-rikorrent fetaħ din il-kawża fl-4 ta' Diċembru, 2009;

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbutin mal-ilmenti mqajma mir-rikorrent, il-Qorti tara li qabel tgħaddi biex tistħarreġ l-ilmenti tar-rikorrent dwar il-ksur imġarrab minnu, l-ewwel jixraq li tqis l-eċċezzjonijiet preliminari mqajma mill-partijiet. Fil-każ tal-intimati, u wara li rtiraw it-tielet eċċezzjoni preliminari tagħhom, jifdal li titqies l-ewwel eċċezzjoni preliminari tagħhom (ladarba wkoll it-tieni eċċezzjoni ingħelbet hekk kif din il-Qorti kienet ordnat is-sejħa fil-kawża tal-Avukat Ġenerali). Għal dak li jirrigwarda l-imsejjaħ fil-kawża l-eċċezzjoni preliminari tiegħu hi li hu ma jistax jitqies bħala l-kontradittur leġittimu tal-pretensjonijiet attriċi;

[13] Xhieda tiegħu 23.6.2003, f'paġġ. 51 – 3 tal-atti tal-kawża 1908/01LFS
[14] Xhieda tal-Prof Lino Briguglio 19.5.2004, f'paġġ. 68 sa 72 tal-atti tal-kawża 1908/01LFS
[15] Xhieda ta' Jacqueline Fenech f'paġġ. 134 – 5 tal-proċess

Illi **dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari** tal-intimati, huma jgħidu li huwa l-intimat Rettur tal-Universita' waħdu li għandu jwieġeb għat-talbiet attriċi u l-intimati l-oħrajn, komponenti l-bqija tal-membri tal-Bord, mhuwiex posthom f'din il-kawża;

Illi l-intimati jisħqu li hija l-liġi nnifisha fl-artikolu 74(11) tal-Att dwar l-Edukazzjoni[16] li tqiegħed ir-rappreżentanza legali tal-Universita' fil-persuna tar-Rettur intimat. Huma jgħidu, għalhekk, li r-rikorrent messu mexxa biss kontrih u mhux ukoll kontra l-Bord, li ma għandux personalita' ġuridika distinta;

Illi r-rikorrent jisħaq li din l-eċċezzjoni ma jmisshiex tintlaqa' għaliex l-intimati kollha jaħtu għal dak li huwa ġarrab. Jgħid li, mix-xhieda nnifisha, ħareġ li lkoll kienu unanimi fid-deċiżjoni tagħhom li ma jagħżluhx għall-mili tal-kariga u li għażlu minfloku ż-żewġ kandidati l-oħrajn ta' eta' iżgħar u ta' anqas kwalifiki. Iżid jgħid li tlieta minn fost l-intimati kienu wrewh il-preġudizzju tagħhom kontra tiegħu minħabba l-eta' tiegħu u għalhekk imisshom jibqgħu fil-kawża għaliex huma l-kontraditturi leġittimi tat-talbiet tiegħu;

Illi l-Qorti tqis li din l-eċċezzjoni hija mistħoqqa. Bla ma din il-Qorti toqgħod ittenni fit-tul ħafna konsiderazzjonijiet dottrinali, tgħid biss li illum il-ġurnata jingħarfu kategoriji differenti ta' persuni li jistgħu jitqiesu bħala leġittimi kuntraditturi f'azzjonijiet kostituzzjonali. Dawn jinqasmu fi tliet kategoriji, jiġifieri (a) dawk li jridu jwieġbu direttament jew indirettament għall-għemil li jikser id-dritt fundamentali ta' persuna, (b) dawk li jridu jagħmlu tajjeb (billi jipprovdu r-rimedju xieraq) għan-nuqqasijiet jew l-egħmejjel li bihom ħaddieħor jikser xi jedd fundamentali ta' xiħadd, u (ċ) dawk il-partijiet kollha li jkunu f'kawża meta kwestjoni ta' xejra kostituzzjonali jew konvenzjonali tqum waqt is-smigħ ta' xi kawża f'qorti[17]. Ma' dawn, u dejjem jekk ikollhom interess fil-kawża, jistgħu jiddaħħlu persuni oħrajn bil-għan li jagħmlu sħiħ il-ġudizzju u jagħmluh rappreżentattiv ta' kull interess involut fil-kwestjoni;

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, ma hemmx l-ebda dubju li l-Bord kien qiegħed iwettaq ħatra istituzzjonali fi ħdan proċess imniedi mill-Universita' u li l-imġiba tal-Bord u s-sejbiet tiegħu kellhom l-effetti tagħhom fuq l-għażla li l-istess Universita' riedet tagħmel fi proċess mibdi minnha u għall-ħtiġijiet tagħha. L-effetti tal-għażla tal-Bord kienu jorbtu lill-Universita' u l-membri individwali tal-istess Bord ma kellhomx interess

---

[16] Kap. 327
[17] Kost. **7.12.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Abela vs Onor. Prim Ministru et*** (Kollez. Vol: **LXXIV.i.261**); u Kost. **6.8.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Mary Vella et vs Kummissarju tal-Pulizija et***

personali jew dirett fil-ħatra li ngħatatilhom jekk mhux dik istituzzjonali. Is-sottomissjoni tar-rikorrent li kienu l-atteġġamenti u l-preġudizzju tal-membri tal-Bord li wassluh fejn wassluh, fil-fehma tal-Qorti, ma tistax tħassar din ir-rejalta'. L-għażla jew it-twarrib tal-kandidati li wieġbu għas-sejħa magħmula mill-Universita' kienet u baqgħet għażla jew ċaħda li wettqet l-Universita'[18]. L-istess ħaġa tingħad għar-rimedju li jista' jingħata lir-rikorrent jekk kemm-il darba kellu jintwera li tabilħaqq li l-Bord kien jaħti lejh ta' ksur ta' xi jedd fuindamentali tiegħu;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti sejra tilqa' din l-eċċezzjoni preliminari u sejra teħles lill-intimati Ellul-Micallef, Briguglio, Darmanin u Magro mill-ħarsien tal-ġudizzju billi ma humiex il-kontraditturi leġittimi tal-pretensjonijiet tar-rikorrent;

Illi, bl-istess mod, **fl-ewwel eċċezzjoni preliminari** tiegħu, l-imsejjaħ fil-kawża Avukat Ġenerali jgħid li ma messux iddaħħal f'din il-kawża. Huwa jgħid li ma jirrappreżentax kull entita' pubblika eżekuttiva, leġislattiva, ġudizzjarja jew kważi-ġudizzjarja u jidher għall-Gvern biss f'dawk il-kawżi li, min-natura tat-talba tagħhom, ma tkunx tista' ssir kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħrajn tal-Gvern. Iżid jgħid li, għall-finijiet tal-artikolu 181B(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ladarba l-kwestjoni kollha tal-ilmenti tar-rikorrent iddur man-nuqqas ta' għażla tiegħu mill-Bord għall-kariga fl-Universita', hija din tal-aħħar il-kontradittur leġittimu tal-pretensjonijiet tal-istess rikorrent;

Illi, min-naħa tiegħu, ir-rikorrent jisħaq li s-sejħa fil-kawża tal-Avukat Ġenerali saret fid-dawl ta' waħda mill-eċċezzjonijiet imqajmin mill-intimati u mhux minn rajh;

Illi min-naħa tal-intimati, huma jinsistu li s-sejħa fil-kawża tal-Avukat Ġenerali kienet meħtieġa min-natura tal-azzjoni partikolari li ressaq ir-rikorrent ladarba azzjoni ta' lment dwar ksur ta' jeddijiet fundamentali hija waħda li bilfors issir kontra l-Istat u huwa l-imsejjaħ fil-kawża l-Avukat Ġenerali li jidher għar-Repubblika ta' Malta f'każijiet bħal dawn;

Illi l-Qorti jidhrilha li din l-eċċezzjoni hija tajba. Fl-ewwel lok, il-Qorti tqis li din il-pożizzjoni tar-Rettur intimat *nomine* hija kontradittorja mal-pożizzjoni meħuda fl-ewwel eċċezzjoni preliminari tiegħu li biha jgħid li hu waħdu huwa l-kontradittur leġittimu tal-azzjoni tar-rikorrent. Minbarra dan, jidher li l-istess intimat *nomine* jagħti tifsira dejqa wisq tal-kunċett tal-Istat fejn jidħlu każijiet ta' lmenti ta' ksur ta' jedd fundamentali u ma jqisx li awtorita' pubblika jew istituzzjoni pubblika wkoll jistgħu jinġabru

[18] Ara P.A. TM **21.3.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr Harry Vassallo noe vs Kummissarju Elettorali Prinċipali et***

taħt dik il-kappa. Fil-fehma tal-Qorti, l-Universita' ta' Malta hija, fit-termini tal-liġi li taħtha hija mwaqqfa, awtorita' li twettaq funzjonijiet marbuta ma' "attivita' tal-Istat", minkejja l-awtonomija li hija tista' tgawdi mill-fergħa Eżekuttiva. Il-Qorti ma tistax lanqas taqbel mar-Rettur intimat li huwa jinsab fil-kawża għaliex huwa 'uffiċjal pubbliku'. Ir-rwol tar-rettur intimat f'din il-kawża huwa dak li fih, kif seħaq fl-ewwel eċċezzjoni preliminari tiegħu, qiegħed jidher għall-Universita' ta' Malta, li f'din il-kawża hija l-leġittimu kontradittur tal-pretensjonijiet tar-rikorrent;

Illi b'żieda ma' dak li ssemma aktar qabel hi u tqis l-eċċezzjoni preliminari mqajma mill-intimati, il-Qorti hija tal-fehma li, f'dan il-każ, ma kienx meħtieġ li jiddaħħal fil-kawża l-Avukat Ġenerali. Dan jingħad, mhux għaliex l-għemil li minnu jilminta r-rikorrent iwieġbu għalih persuni individwali, iżda għaliex din l-azzjoni trid twieġeb għaliha l-istituzzjoni pubblika li nediet u kienet responsabbli mill-proċess tal-għażla għall-mili tal-karigi li għalihom applika r-rikorrent. Dik l-istituzzjoni hija l-Universita' ta' Malta u r-rikorrent għamel sewwa li l-ilmenti tiegħu ressaqhom kontra tagħha. Hija dik l-istituzzjoni wkoll li, f'każ ta' sejbien ta' ksur ta' xi jedd fundamentali tar-rikorrent, tista' u taf tkun f'qagħda li tagħmel tajjeb għar-rimedju li l-Qorti tista' tagħtih minħabba dak il-ksur;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti sejra tilqa' l-eċċezzjoni preliminari tal-imsejjaħ fil-kawża l-Avukat Ġenerali u sejra teħilsu milli jibqa' aktar fil-kawża, bi spejjeż għal min talab is-sejħa tiegħu fil-kawża bla ma kien meħtieġ li ssir;

Illi l-Qorti tgħaddi issa biex tqis l-**ilmenti tar-rikorrent fil-mertu** u l-**eċċezzjonijiet tal-intimati u tal-imsejjaħ fil-kawża** dwar l-istess. Ir-rikorrent qiegħed jilminta li biċ-ċaħda mill-Bord tal-għażla tiegħu għall-kariga li applika għaliha, huwa ġarrab ksur tal-jedd tiegħu li ma jkunx assoġġettat għal trattament inuman jew degradanti, u kif ukoll għall-jedd tiegħu li ma jingħatax trattament diskriminatorju. Ir-rikorrent isejjes dawn l-ilmenti kemm fuq id-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni (artikoli 36 u 45) u kif ukoll tal-Konvenzjoni (artikoli 3 u 14). Biex tqis dawn l-ilmenti tar-rikorrent, il-Qorti sejra toqgħod biss mal-premessa ewlenija li fuqha huwa jibni l-azzjoni tiegħu tal-lum, jiġifieri li d-deċiżjoni tal-Bord kienet imsejsa fuq il-kriterju tal-eta' tar-rikorrent fiż-żmien li kien deher quddiemu meta saritlu l-intervista;

Illi tajjeb li jingħad li kemm fil-kawża għas-stħarriġ ġudizzjarju mressqa quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u kif ukoll fl-atti ta' din il-kawża, ir-rikorrent jisħaq li r-raġuni li wasslitu biex jemmen li n-nuqqas ta' għażla tiegħu min-naħa tal-Bord kienet biss l-eta' tiegħu, tinbena fuq sensiela ta'

ċirkostanzi li wassluh biex jifhem li din kienet tabilħaqq ir-raġuni. Il-Qorti sejra ssemmi dawn iċ-ċirkostanzi għaliex tajjeb li jinżammu quddiem għajnejha hi u tistħarreġ l-ilmenti tar-rikorrent. L-ewwel ċirkostanza hi (i) li mit-tliet kandidati li wieġbu għas-sejħa għall-mili tal-karigi, ir-rikorrent kien ta' eta' kważi d-doppju tal-eta' ta' kull wieħed miż-żewġ kandidati l-oħrajn. Minbarra dan, (ii) qabel ma ssejjaħ għall-intervista, ir-rikorrent isemmi okkażjoni fejn il-Kap tad-Dipartiment, il-Professur Lino Briguglio, kien qallu li kien jixtieq jara letturi ta' eta' żgħira jgħinuh fit-tagħlim. Meta ssejjaħ għall-intervista (iii) xi wħud mill-membri tal-Bord staqsewh mistoqsijiet li ġagħluh jitħasseb li kellhom f'moħħhom l-eta' tiegħu, aktar milli ħwejjeġ jew kwalifiki oħrajn. Isemmi wkoll ċirkostanza oħra (iv) xi xahar wara li saritlu l-intervista mill-Bord fejn, waqt riċeviment imsejjaħ mir-Rettur ta' dak iż-żmien (il-Professur Ellul-Micallef) għal gradwati b'dottorat (Ph.D.) u li għaliha kien mistieden ir-rikorrent ukoll, ir-Rettur qal li xtaq li l-Universita' jkun hemm letturi iżgħar minnu fl-eta' (liema rimarka r-rikorrent fehem li kienet indirizzata lejh, tant li kien kellem lill-Kanċillier tal-Universita' ta' dak iż-żmien dwar dan u talbu jara x'seta' jagħmel);

Illi l-Qorti tqis li għandha tippreċiża li, tajjeb jew ħażin, il-kwestjoni tar-raġuni li wasslet lill-Bord li ma jagħżilx lir-rikorrent kienet mistħarrġa mill-Qorti kompetenti fil-kawża tal-istħarriġ ġudizzjarju u ngħataw dwarha sentenzi li llum jikkostitwixxu ġudikat li jorbot kemm lir-rikorrent u kif ukoll lill-intimati, u sa ċertu punt lil din il-Qorti wkoll. Għalhekk, safejn ir-rikorrent irid li din il-Qorti terġa' tiddelibera dwar ċirkostanzi li dwarhom illum hemm sentenza li torbot, ma huwiex sewwa li din il-kawża tintuża biex tiftaħ mill-ġdid kwestjoni li hija determinata. Iżżid tgħid li l-azzjoni tar-rikorrent illum bl-ebda mod ma tinbena fuq xi ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu minħabba jew b'riżultat tal-imsemmija kawża (minkejja li r-rikorrent fetaħ din il-kawża wara li ngħatat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell). Għalhekk, meta sejra tqis l-ilmenti tar-rikorrent u s-siwi tagħhom, dan sejra tagħmlu fid-dawl tal-qafas xieraq tal-azzjoni li għandha quddiemha u mhux bħala każ ta' reviżjoni ta' proċediment ġudizzjarju magħluq, u dan bla ma tibdel l-eżerċizzju f'wieħed sempliċement ipotetiku jew akkademiku;

Illi, madankollu, il-Qorti tara li għandha tqis minn fost il-provi li tressqu matul din il-kawża, dawk li juru li l-kwestjoni tal-eta' tar-rikorrent kienet iddaħħlet b'xi mod fil-proċess tad-deliberazzjoni tal-Bord. Dan joħroġ mix-xhieda mogħtija minn wieħed mill-istess komponenti tal-Bord li jiftakar li kien huwa nnifsu li qajjem il-kwestjoni tal-eta' tal-kandidat (ir-rikorrent) biex jara xi tkun ir-rejazzjoni tar-Rettur, u kien żamm f'moħħu t-tweġiba 'dgħajfa' li ta r-rikorrent li "kellha *bearing*" fuq id-deċiżjoni tiegħu

bħala membru tal-Bord li ma jagħżilx lir-rikorrent[19]. Fil-fehma tal-Qorti, din hija prova diretta u inkonfutabbli li l-kwestjoni tal-eta' tar-rikorrent kienet qamet waqt l-intervista, indipendentement minn jekk formalment kienet jew ma kenitx kriterju li fuqu l-Bord fl-aħħarnett wasal għad-deċiżjoni tiegħu. L-istess xhud qal ukoll li mill-esperjenza personali li huwa ġarrab, kien hemm tendenza li l-Universita' kellha l-ħabta li "min kien ta' ċerta eta' teħles minnhom biex iddaħħal iż-żgħar. Din kienet problema *across the board* fil-fakoltajiet kollha; wara li tagħlaq is-sittin (60) sena kienet problema biex ituk estensjoni"[20];

Illi għal dak li jirrigwarda l-**ilment dwar il-jedd ta' ħarsien minn trattament inuman jew degradanti**, l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni jgħid li "*(1) Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal piena jew trattament inuman jew degradanti. (2) Ebda ħaġa li hemm fi jew magħmula skond l-awtorita' ta' xi liġi ma titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan l-artikolu safejn il-liġi in kwestjoni tawtorizza l-għoti ta' xi deskrizzjoni ta' piena li kienet legali f'Malta minnufih qabel il-ġurnata stabilita. ...*". Min-naħa l-oħra, l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni jgħid li "*Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal tortura jew għal trattament jew piena inumana jew degradanti*";

Illi bil-kliem "trattament degradanti" wieħed jifhem "*treatment that humiliates or debases ... Degrading treatment in the sense of article 3 is conduct that 'grossly humiliates', although causing less suffering than torture. The question is whether a person of the applicant's sex, age, health, etc., of normal sensibilities would be grossly humiliated in all the circumstances of the case*."[21] Hemm differenza wkoll bejn trattament inuman u trattament degradanti. Kull trattament inuman huwa minnu nnifsu wieħed ukoll degradanti, iżda mhux kull trattament degradanti jsir trattament inuman[22], liema trattament "*covers at least such treatment as deliberately causes severe mental and physical suffering*"[23];

Illi mġiba li twassal lil persuna biex tagħmel xi ħaġa kontra r-rieda jew kontra l-kuxjenza tagħha tista' wkoll titqies bħala trattament degradanti. F'xi każijiet tqies li, flimkien ma' dawn il-kriterji, jkun irid jintwera wkoll li min ikun wettaq l-egħmil degradanti jkun għamel dan bil-fehma jew l-intenzjoni li jżeblaħ, iċekken jew jumilja 'l vittma, imma jidher li jkun iżjed għaqli li wieħed iqis it-trattament li jkun ingħata fiċ-ċirkostanzi konkreti tal-persuna li tkun għaddiet minn dak it-trattament u tal-każ li fih ikun

[19] Xhieda tal-Prof. Albert Leone Ganado 14.7.2011, f'paġ. 144 tal-proċess
[20] *Ibid.*
[21] Harris, O'Boyle & Warbrick Law of the European Convention of Human Rights, paġġ. 80 - 1
[22] Kost. **19.2.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Meinrad Calleja vs Kummissarju tal-Pulizija et***
[23] K Reid A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights (3rd Edit., 2008) §IIB – 416, paġ. 575

iġġarrab[24], għalkemm ma tiddependix lanqas għal kollox fuq dak li suġġettivament tħoss il-persuna mġarrba[25];

Illi biex iseħħ ksur tal-artikolu 3, it-trattament degradanti jrid jintwera li "gravement ibaxxi lil dak li jkun quddiem ħaddieħor .... u jidher li llum hu ġeneralment aċċettat li biex trattament determinat jaqa' taħt il-komminazzjonijiet tad-dispożizzjonijiet fuq ċitati[26], jeħtieġ ċertu grad ta' gravita'"[27], li mingħajru ma jkunx jista' jingħad li seħħ ksur ta' dak il-jedd[28]. Għalhekk, biex trattament jitqies li jkun degradanti, irid jintwera li jmur lil hinn minn sempliċi inkonvenjenza jew disaġju[29];

Illi b'żieda ma' dan, huwa miżmum ukoll li minħabba li 'trattament degradanti u inuman' huma konċetti astratti, biex tassew jista' jingħad li seħħew iridu "jikkonkretiżżaw neċessarjament f'xi fatt jew fatti materjali" li jkunu ta' ċerta gravita'[30] li jitkejlu fuq l-effett li tali trattament ħalla fuq il-persuna li kienet suġġetta għalih[31]. Minbarra dan, jista' jkun il-każ li l-qies dwar jekk imġiba partikolari tkunx waħda li ġġibx ksur tal-imsemmi jedd irid ikun "*judged by the circumstances of the case and the prevalent views of the time .. .. It is clear that the answer to the question whether Article 3 has been violated, although depending on all the circumstances of the case, including such factors as the mental effects on the person concerned, is not entirely dependent on his subjective appreciations and feelings*"[32];

Illi għal dak li jirrigwarda l-piż tal-prova ta' ksur tal-artikolu 3, jidher li jaqa' fuq min jilminta mill-ksur tal-imsemmi jedd li jressaq prova lil hinn mid-dubju raġonevoli li tabilħaqq ikun seħħ ksur ta' l-imsemmi artikolu[33]. Irid jingħad li din mhijiex fehma li magħha jaqbel kulħadd[34] Iżda "*such proof may follow from the coexistence of sufficiently strong, clear and concordant inferences or of similar unrebutted presumptions of fact. The conduct of the parties when evidence is being obtained has to be taken into account*"[35];

---

[24] Kost. **6.12.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech vs Kummissarju tal-Pulizija*** (Kollez. Vol: **LXXIII.i.239**)
[25] P.A. (Kost.) TM **19.10.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Lawrence Gatt vs L-Onor. Prim Ministru et*** (konfermata fil-Qorti Kostituzzjonali fit-**12.2.2008**)
[26] F'dan il-każ, jiġifieri l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni
[27] Kost. **20.7.1977** fil-kawża fl-ismijiet ***Ġużeppa Galea vs Segretarju tad-Djar et*** (Deċ. Kost. II, Għ.S.L., paġ. 549)
[28] Q.E.D.B. **6.10.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Lecomte vs Ġermanja*** (Applik. Nru. 80442/12) §§ 91 – 2
[29] Kost. **18.11.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Testa vs Attard noe et*** (Kollez. Vol: **LXXIII.i.185)**
[30] Kost. **8.5.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Bonello vs Onor. Prim Ministru et*** (Kollez. Vol; **LXXXV.i.1**)
[31] Kost. **5.4.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXV.i.106**)
[32] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak Theory and Practice of the European Convention on Human Rights (4th Edit, 2006), § 7.3, f'paġġ.412 u 415
[33] Q.E.D.B. **13.6.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Anguelova vs Bulgarija*** (Applik. Nru. 38361/97) § 111
[34] Ara M. Schiavone (Ed.) When Judges Dissent (2008), f'paġġ. 241 – 3
[35] Q.E.D.B. **12.4.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Shamaiev et vs Ġorġja u Russja*** (Applik. Nru. 36378/02) § 338

Illi r-rikorrent jisħaq li l-fatt li l-Bord għażel liż-żewġ kandidati l-oħrajn li fattwalment kienu iżgħar minnu fl-eta' u ta' anqas kwalifiki akkademiċi minnu u wkoll b'anqas esperjenza minnu fil-qasam tat-tagħlim u fil-qasam tax-xogħol u l-ħajja pubblika jikkostitwixxi minnu nnifsu trattament degradanti u li umiljah. Huwa jfisser kif, wara dik iċ-ċaħda, beda jibża' jidher quddiem sħabu u waqa' fi swied il-qalb li ddemoralizżah. Iqis ukoll degradanti wħud mill-mistoqsijiet li sarulu mill-Bord waqt l-intervista dwar jekk kienx jaħseb li għadu jiflaħ għall-kedda ta' tant sigħat ta' tagħlim u dak li ġġib magħha l-ħatra li kien applika għaliha. Huwa jgħid li t-trattament degradanti baqa' għaddej ukoll wara li kienet saret l-intervista, għaliex wara li ngħatat il-ħatra liż-żewġ kandidati l-oħrajn, itteħditlu l-kamra tiegħu u tnaqqsulu aktar is-sigħat li kien mitlub jagħti s-servizz tiegħu fil-Fakulta' sakemm fl-aħħar spiċċa twaqqaf għal kollox mis-servizzi tiegħu. Fis-sottomissjonijiet tiegħu, ir-rikorrent jgħid[36] li l-aspett suġġettiv li wieħed iħoss bit-trattament li jkun ingħata għandu jitqies mill-Qorti meta tiġi biex tara jekk ġarrabx jew le ksur tal-jedd imsemmi;

Illi min-naħa tiegħu, wara li jressaq rassenja ta' każijiet li jitkellmu dwar il-jedd mistħarreġ, ir-Rettur intimat *nomine* jgħid li r-rikorrent naqas għal kollox li juri li l-esperjenza tiegħu quddiem il-Bord kienet tabilħaqq waħda li tista' b'xi tiġbid tal-immaġinazzjoni titqabbel ma trattament inuman jew li jbaxxih. L-ebda wieħed mill-kriterji aċċettat mill-Qorti ta' Strasbourg jew mill-Qrati Maltin li jwasslu għas-sejbien tal-ksur tal-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni jew l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni ma ntwera li ntlaħqu fl-imsemmija intervista. Ikompli jgħid li mkien ma ntwera li l-intervista li saret lir-rikorrent ma kienet maħsuba jew imqar wasslitu biex titkisser ir-reżistenza fiżika u morali tiegħu;

Illi l-Qorti tqis li l-fatt waħdu li persuna li tapplika għal post jew kariga u ma tintgħażilx għall-ħatra wara li tidher quddiem bord ta' għażla u toqgħod għal intervista ma jissarrafx f'ċirkostanza ta' trattament inuman. Biex dan isir, irid jintwera li l-persuna kienet suġġetta għal imġiba severa u mtawla maħsuba biex therrih jew li tkissirlu r-rieda tiegħu jew biex jasal jagħmel xiħaġa li ma riedx. Mill-provi li ħarġu mill-atti tal-kawża, ir-rikorrent innifsu jgħid li l-intervista ma damitx ħafna – xi ftit minuti – u matul l-intervista ma ntweriex li sar għajjat jew tehdid fil-konfront tar-rikorrent. Bl-istess mod, l-imbarazz li r-rikorrent jgħid li ħass malli sarulu xi mistoqsijiet li setgħu kienu marbutin mal-eta' tiegħu jew mas-saħħa li jlaħħaq mal-piż tax-xogħol li huwa applika li jidħol għalih ma jidhirx li kien hekk aħrax u sever li jmiss il-limiti tat-trattament inuman. B'żieda ma' dan, il-proċess quddiem il-Bord kien wieħed li jrid jagħmel għażla u mhux

[36] Paġ. 184 tal-proċess

biss evalwazzjoni tal-ħiliet tal-applikanti, u dik l-għażla kienet magħrufa mit-tliet applikanti sa minn qabel ma dehru quddiem il-Bord li kienet waħda miftuħa għal żewġ kandidati. Fi kliem ieħor, ir-rikorrent kien bilfors jaf li mhux kull min deher quddiem il-Bord kien sejjer jintgħażel u ma kellu l-ebda garanzija li huwa kien sejjer ikun wieħed miż-żewġ magħżulin mill-Bord, ukoll jekk kien jemmen bil-qawwa kollha li kien jistħoqqlu u seta' tabilħaqq kien l-aktar wieħed kwalifikat minnhom ilkoll. B'dan l-għarfien ma jistax jingħad li sa minn qabel ma dehru quddiem il-Bord, il-konkorrenti kollha, magħdud ir-rikorrent, ma kellhomx xi ftit ta' apprensjoni jew mhux ukoll tħassib dwar is-suċċess tal-applikazzjoni tagħhom. Imma din mhijiex qagħda ta' trattament inuman jew degradanti, sempliċement għaliex bniedem jissejjaħ biex jikkonkorri ma' ħaddieħor biex jipprova jikkonvinċi Bord tal-għażla li jmissu jintgħażel minflok jew qabel ħaddieħor;

Illi ċ-ċirkostanza ta' dak li baqa' jsir wara li l-Bord għamel l-għażla tiegħu u warrab lir-rikorrent jista' jkun li ġab tbatija u mrar lill-istess rikorrent, imma meqjus mal-kriterji aċċettati dwar liema trattament jikkostitwixxi trattament inuman jew degradanti, il-Qorti ma ssibx li dan jasal sa dawk il-livelli stabiliti kif fuq ingħad. Il-provi juru li r-rikorrent baqa' jagħti servizzi fl-istess Fakulta' għal xi snin wara l-intervista, għalkemm dawn tnaqqsu bil-mod il-mod sa ma nġabu fix-xejn, imma dan ġara meta r-rikorrent kien laħaq l-eta' tal-irtirar;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda ssib li r-rikorrent ma seħħlux juri tajjeb biżżejjed li huwa ġarrab trattament inuman jew degradanti minn idejn il-Bord u dan la skond l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u lanqas taħt l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni;

Illi għal dak li jirrigwarda l-**ilment tar-rikorrent dwar ksur tal-jedd li ma jingħatax trattament diskriminatorju** jingħad li r-rikorrent hawnhekk ukoll jibnih kemm fuq il-Kostituzzjoni u kif ukoll fuq il-Konvenzjoni;

Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex l-ewwel tqis dan l-ilment fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni, u tibda billi tagħmel osservazzjoni dwar xi sottomissjoni partikolari li r-rikorrent ressaq f'dan il-kuntest. Huwa jaċċetta li d-diskriminazzjoni fuq bażi tal-eta' mhijiex waħda mill-kawżali li jissemmew fl-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni. Madankollu, jgħid li l-jedd tiegħu irid jitqies fid-dawl tal-prinċipju li ma għandha ssir l-ebda diskriminazzjoni fuq bażi ta' eta' fejn jidħol il-qasam tax-xogħol u l-impieg[37] u wkoll fil-qafas tal-prinċipju dikjarat għad-dritt għal xogħol li

[37] Ara Reg. 4 tal-A.L. 461 tal-2004 (L.S. 452.95)

jissemma fl-artikolu 7 tal-istess Kostituzzjoni. Il-Qorti tgħid minnufih li safejn ir-rikorrent irid isejjes il-każ tiegħu dwar tħaris mid-diskriminazzjoni fuq l-imsemmi artikolu 7 tal-Kostituzzjoni, huwa magħruf li l-jeddijiet li jinsabu fil-Kapitolu II tal-Kostituzzjoni huma "Dikjarazzjoni ta' Prinċipji" u ma jikkostitwux jeddijiet eżegwibbli f'qorti, sakemm ma jsirux liġijiet li 'jlaħħmu' dawk l-istess prinċipji;

Illi fl-artikolu 45 il-Kostituzzjoni tgħid li l-ebda liġi m'għandha tagħmel xi dispożizzjoni li tkun diskriminatorja sew fiha nnifisha jew fl-effetti tagħha[38]. Daqstant ieħor tgħid li ħadd ma għandu jkun trattat b'mod diskriminatorju minn xi persuna li taġixxi bis-saħħa ta' xi liġi miktuba jew fil-qadi ta' funzjonijiet ta' xi kariga pubblika jew xi awtorita' pubblika[39]. Ikun diskriminatorju kontra dak l-artikolu kull trattament differenti li jingħata lil persuni differenti u li jkun attribwibbli għal kollox jew prinċipalment għad-deskrizzjoni tagħhom rispettiva skond ir-razza, post ta' oriġini, opinjonijiet politiċi, kulur, fidi jew sess li minħabba fihom persuni ta' deskrizzjoni waħda bħal dawn ikunu suġġetti għal inkapaċitajiet jew restrizzjonijiet li persuni ta' deskrizzjoni oħra bħal dawn ma jkunux suġġetti għalihom jew ikunu mogħtija privileġġi jew vantaġġi li ma jkunux mogħtija lil persuni ta' deskrizzjoni oħra bħal dawn[40]. Tgħid ukoll li l-ebda diskrezzjoni dwar għamil, tmexxija jew nuqqas ta' tkomplija ta' proċeduri ċivili jew kriminali f'xi qorti li xi persuna jkollha skond il-Kostituzzjoni nfisha jew xi liġi oħra ma titqies li tmur kontra l-jedd li dik il-persuna ma ġġarrabx diskriminazzjoni[41];

Illi r-Rettur intimat *nomine* jisħaq li l-azzjoni tar-rikorrent safejn tinbena fuq id-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ma hijiex mistħoqqa, ladarba l-bażi tal-ilment tiegħu – jiġifieri l-kwestjoni ta' trattament diskriminatorju msejjes fuq l-eta' ta' dak li jkun – mhijiex waħda mill-kawżali magħrufin jew imsemmijin fl-artikolu 45(2) tagħha;

Illi l-Qorti tgħid li f'dan ir-rigward, u b'żieda mal-konsiderazzjonijiet li għadha kemm għamlet dwar id-dikjarazzjonijiet ta' prinċipji, hija taqbel mas-sottomissjoni tal-intimat *nomine* li l-ilment tar-rikorrent taħt il-Kostituzzjoni mhuwiex mistħoqq. Huwa minnu li l-jedd imħares taħt l-artikolu 45 huwa t-trattament diskriminatorju nnifsu permezz ta' liġi jew permezz ta' xi trattament li wieħed jingħata minn xi ħaddieħor li jkun qiegħed jaġixxi bis-saħħa ta' xi liġi jew fil-qadi ta' funzjonijiet ta' xi kariga pubblika. Imma, kif sewwa jgħid l-istess Rettur intimat, id-diskriminazzjoni trid tkun taqa' taħt xi waħda mill-irjus imsemmija (b'mod

38 Art 45(1)
39 Art. 45(2)
40 Art. 45(3)
41 Art. 45(8)

eżawrjenti) fis-sub-artikolu (3) tal-istess artikolu. Minn dak li joħroġ mill-atti tal-kawża, jidher li ċ-ċirkostanza ta' preġudizzju li l-Bord seta' kellu kontra r-rikorrent minħabba l-eta' tiegħu dakinhar li deher quddiemu għall-intervista ma taqa' taħt l-ebda waħda minn dawk l-irjus ta' diskriminazzjoni;

Illi minħabba f'hekk, il-Qorti sejra tiċħad l-ilment tar-rikorrent safejn mibni fuq l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni;

Illi l-Qorti issa ser tqis l-ilment tar-rikorrent safejn jirrigwarda l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni. L-imsemmi artikolu jipprovdi li *"t-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati f'din il-Konvenzjoni għandha tiġi assikurata mingħajr diskriminazzjoni għal kull raġuni bħalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, reliġjon, opinjoni politika jew opinjoni oħra, oriġini nazzjonali jew soċjali, assoċjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjeta', twelid jew status ieħor*";

Illi meta l-Qorti tistħarreġ l-ilment taħt l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni trid tagħmel dan billi żżomm quddiem għajnejha (i) li dak l-ilment jeħtieġ li jkun marbut ma' xi jedd ieħor imħares mill-Konvenzjoni, u (ii) li l-kawżali tad-diskriminazzjoni msemmijin f'dak l-artikolu huma biss indikativi u jistgħu jkunu jgħoddu fihom ċirkostanzi oħrajn fejn persuna tista' ġġarrab trattament diskriminatorju meta mqabbel ma' dak li jkun ingħata lil ħaddieħor fl-istess qagħda u li jikser xi jedd ieħor imħares taħt il-Konvenzjoni. Wieħed irid iqis ukoll li (iii) it-trattament differenti mogħti bejn kategorija ta' persuni u oħra trid tkun waħda leġittima u raġonevoli, u għalhekk mhux kull trattament differenti jwassal għal sejbien ta' trattament diskriminatorju bi ksur tal-imsemmi artikolu 14[42]. Madankollu, persuna tista' ssejjes talba taħt dan l-artikolu minkejja li la tista' turi u lanqas biss tippretendi ksur ta' xi jedd "sostantiv" ieħor imħares mill-Konvenzjoni, sakemm tali talba taqa' fl-"ambitu" ta' jedd bħal dak[43];

Illi illum il-ġurnata jidher li huwa stabilit li "*a difference in treatment is discriminatory, for the purposes of Article 14 of the Convention, if it has 'no objective and reasonable justification'. In other words, the notion of discrimination includes in general cases where a person or group is treated, without proper justification, less favourably than another, even though the more favourable treatment is not called for by the Convention. Article 14 does not prohibit distinctions in treatment which are founded on an objective assessment of essentially different factual*

[42]Q.E.D.B. **23.7.1968** fil-***Case Relating to Certain Aspects of the Laws on the Use of Languages in Education in Belgium vs Belġju*** (Applik. Nru. 1474/62 et.), § 10, u Q.E.D.B. **8.7.1986** fil-kawża fl-ismijiet ***Lithgow vs Renju Unit*** (Applik. Nru. 9006/80 et.), § 177
[43] Harris, O'Boyle & Warbrick Law of the European Convention on Human Rights (1995), paġġ. 465 – 6

*circumstances and which, being based on the public interest, strike a fair balance between the protection of the interests of the community and respect for the rights and freedoms safeguarded by the Convention. The Contracting States enjoy a certain margin of appreciation in assessing whether and to what extent differences in otherwise similar situations justify a difference in treatment. The scope of the margin of appreciation will vary according to the circumstances, the subject-matter and its background, but the final decision as to observance of the Convention's requirements rests with the Court*"[44];

Illi kif ingħad b'mod meqjus u miġbur mill-Qrati tagħna f'dan ir-rigward: "*biex tara jekk kienx hemm diskriminazzjoni bi ksur ta' dak li jrid l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni, il-Qorti trid tara jekk (1) kienx hemm differenza fil-mod kif persuni differenti tħallew igawdu l-jeddijiet imħarsa taħt il-Konvenzjoni, (2) din id-differenza fit-trattament kinitx bejn persuni li s-sitwazzjoni tagħhom kienet tixxiebah, (3) din id-differenza kinitx bil-ħsieb li jintlaħaq għan leġittimu; u (4) kienx hemm proporzjonalita' bejn id-differenza fit-trattament u l-għan li ried jintlaħaq permezz ta' dik id-differenza, jew kienx meħtieġ li jkun hemm dik id-differenza biex jintlaħaq dak il-għan. Huwa importanti, għalhekk, li l-paragun isir bejn persuni li huma placed in analogous situations*"[45];

Illi f'dan ir-rigward, ir-rikorrent jgħid li l-każ tiegħu, minbarra li jinbena fuq l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni b'rabta mal-artikolu 3 tal-istess, irid jitqies ukoll fid-dawl tal-artikolu 1 tat-Tnax-il Protokoll li jitkellem dwar il-Projbizzjoni Ġenerali minn kull Diskriminazzjoni. Taqbel kemm tista' taqbel mar-rikorrent dwar il-firxa, is-siwi u l-effikaċja tal-imsemmija dispożizzjoni, il-Qorti tgħid mill-ewwel li, sallum, l-imsemmi artikolu ma huwiex wieħed minn dawk li għandhom is-saħħa ta' liġi f'Malta u għalhekk ma tistax tqisu biex tgħarbel is-siwi tal-ilment tar-rikorrent;

Illi lil hinn minn hekk, ir-rikorrent jgħid li l-elementi kollha aċċettati biex jikkostitwixxu trattament diskriminatorju bi ksur tal-Konvenzjoni kollha jirriżultaw ippruvati kif imiss fl-atti tal-kawża. Huwa jisħaq li ħadd mill-partijiet l-oħrajn ma ressaq provi tajbin biżżejjed biex juri li r-raġuni ewlenija, jekk mhux waħdanija, li minħabba fiha ma ntgħażilx għall-mili tal-kariga kienet l-eta' tiegħu: itenni li ħadd mix-xhieda mressqa minnu u mill-intimati ma "jagħti raġuni oġġettiva li tiġġustifika l-preferenza mogħtija lill-oħrajn"[46];

---

[44] Q.E.D.B. **12.2.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Kafkaris vs Ċipru*** (Applik. Nru. 21906/04) § 161
[45] P.A. (Kost) GCD **15.2.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Grech et vs Il-Ministru Responsabbli mill-Familja u s-Solidarjeta' Soċjali et*** (konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fid-**9.2.2007**) li kienet tirrigwarda każ ta' pensjonijiet
[46] Nota ta' Sottomissjonijiet, f'paġ. 167 tal-proċess

Illi min-naħa tiegħu, ir-Rettur *nomine* jisħaq li l-Universita' ma ġabet ruħha bl-ebda mod diskriminatorju mar-rikorrent u ttenni li l-proċess tal-għażla min-naħa tal-Bord sar b'ħarsien ta' kriterji xierqa u mħaddma kif suppost. Iżid jgħid li jonqos fir-rikorrent l-istatus tiegħu ta' "vittma" għall-finijiet tal-Konvenzjoni ladarba l-artikolu 14 ma jindikax li tista' ssir diskriminazzjoni fuq il-kriterju tal-eta' ta' dak li jkun. Imbagħad għadda biex sensel bosta argumenti u riferenzi ġurisprudenzjali biex juri għaliex l-ilment tar-rikorrent ma jmissux jitqies mistħoqq;

Illi f'dan ir-rigward il-Qorti, b'żieda ma' dak li fissret aktar qabel f'din is-sentenza, tagħraf li ċ-ċirkostanza tal-eta' tar-rikorrent kienet f'moħħ minn tal-anqas wieħed mill-membri tal-Bord u kien esternaha. Ma tirriżultax mill-provi li din iċ-ċirkostanza kienet meqjusa rilevanti jew determinanti minn kulħadd fuq l-istess Bord. Hemm ukoll il-konklużjoni tal-Qorti tal-Appell fis-sentenza li għalqet il-proċedura mnedija mir-rikorrent quddiem il-qrati ordinarji, li teskludi li r-raġuni tat-twarrib tiegħu kienet determinata mill-kriterju tal-eta' tiegħu, iżda għall-kuntrarju tgħid li "mill-provi ma rriżultax li l-Bord tal-Għażla ħa in konsiderazzjoni ċirkostanzi oħra oltre dawk l-erba' li ssemmew qabel" u l-eta' ma kinitx fosthom. Iżda, b'żieda ma' dan, il-Qorti ma tistax taqbel mar-rikorrent li jgħid li kien jaqa' fuq l-intimati biex jippruvaw li d-deċiżjoni tagħhom ma kenitx imsejsa fuq dik iċ-ċirkostanza. Il-piż li jipprova r-raġuni diskriminatorja kien jaqa' fuq ir-rikorrent bi tħaris tal-prinċipju li min jallega jrid jipprova u dan sal-grad mitlub mil-liġi f'kawża ta' natura ċivili[47]. Mill-provi li tressqu quddiemha, din il-Qorti ma ssibx provi li juru li l-fattur determinanti li wassal biex il-Bord iwarrab lir-rikorrent kien l-eta' tiegħu. L-episodji ta' kliem il-Professur Briguglio, jew x'ħaseb ir-rikorrent meta sema' l-kliem tal-Professur Ellul-Micallef waqt il-laqgħa tal-gradwandi l-ġodda fil-Ph.D. ma jwasslux biex ikun ippruvat tabilħaqq li dawk iż-żewġ membri tal-Bord imxew b'mod diskriminatorju mar-rikorrent waqt l-intervista li għamillu l-Bord jew li influwenzaw lill-Bord b'mod li d-deċiżjoni tiegħu kienet imtebba' b'dak in-nuqqas;

Illi l-Qorti tara li hemm x'jingħad f'dan ir-rigward b'rabta max-xhieda tal-Professur Leone-Ganado[48]. Huwa dan ix-xhud li l-aktar jidħol fil-kwestjoni tal-eta' tar-rikorrent b'riferenza għal dak li seħħ waqt l-intervista tiegħu. Huwa xhud li mhux biss jistqarr li f'moħħu kien għadda l-ħsieb li l-eta' tar-rikorrent setgħet kienet ta' xkiel għall-għażla tiegħu, imma jgħid li għamel mistoqsija lir-rikorrent dwar dan ħalli jara xi tkun ir-rejazzjoni tar-Rettur Ellul-Micallef. Mhux hekk biss, imma l-istess xhud jgħid li qisha hija l-prattika fl-Universita' li aktar ma persuna tkun kbira fl-

[47] Ara Kost. **25.4.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Albert Paċe Moore vs Chairman tal-Maltacom p.l.c. noe***
[48] Xhieda tiegħu 14.7.2011 f'paġġ. 143 – 4 tal-proċess

eta' aktar issir iebsa l-possibilita' li tingħażel biex tokkupa ħatra ġdida. Żied jgħid ukoll li għalih it-tweġiba li r-rikorrent tah għall-mistoqsija marbuta mal-eta' tiegħu kellha "*bearing*" fuq l-għażla li wettaq, imma iċċara li l-imsemmi 'bearing' ma kienx sewwasew l-eta' tar-rikorrent daqskemm kienet it-tweġiba 'dgħajfa' li r-rikorrent tah għal dik il-mistoqsija. Madankollu, din iċ-ċirkostanza ħassbet sewwa lil din il-Qorti għaliex setgħet tissarraf f'ċirkostanza probatorja mhux sempliċement suġġettiva min-naħa tar-rikorrent;

Illi l-Qorti tqis li, mill-mod kif ressaq l-azzjoni tiegħu, r-rikorrent rabat il-ksur tal-jedd tiegħu li ma jġarrabx trattament diskriminatorju mal-jedd li ma jkunx suġġett għal trattament inuman jew degradanti. Ma semma qatt l-ebda dritt ieħor imħares fil-Konvenzjoni. Għalkemm jittanta jargumenta li l-ilment tiegħu kontra d-diskriminazzjoni jista' jitqies taħt l-artikolu 14 waħdu jew b'rabta mal-artikolu 1 tat-Tnax-il Protokoll (li din il-Qorti diġa' qalet li ma tistax tikkunsidrah għaliex dak il-jedd 'sostantiv' għadu ma ddaħħalx fil-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta), fl-aħħar mill-aħħar jibqa' marbut mal-allegat ksur tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni. Għar-raġunijiet li diġa' tfissru qabel, din il-Qorti ma sabitx li ġie ippruvat li r-rikorrent ġarrab ksur tal-jedd imsemmi f'dak l-artikolu. Għalkemm il-Qorti sabet riferenzi ta' sejbien ta' ksur ta' l-jedd kontra trattament diskriminatorju taħt l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni marbut ma' l-eta' ta' dak li jkun, l-eta' ma kenitx il-fattur fih innifsu tal-imġiba diskriminatorja, imma ċirkostanza li laqtet it-tħaddim ta' jeddijiet oħrajn 'sostantivi', bħalma huma d-diskriminazzjoni tal-ġeneru[49], diskriminazzjoni ta' razza[50] jew tgawdija paċifika ta' possedimenti[51] fost bosta oħrajn. Fil-każ tar-rikorrent huwa wisq aktar iebes li wieħed isib ksur tal-jedd imħares fl-artikolu 14 tal-Konvenzjoni meta mkejjel mal-jedd għall-ħarsien minn trattament degradanti jew inuman taħt l-artikolu 3 tal-istess Konvenzjoni. Dan qiegħed jingħad mhux għaliex il-Qorti ma waslitx biex issib ksur tal-jedd imħares taħt l-artikolu 3, iżda għaliex mill-provi u s-sottomissjonijiet imressqa quddiemha (u quddiem il-Qrati ordinarji fil-kawża tal-istħarriġ ġudizzjarju) ma ntweriex li r-rikorrent ingħata trattament differenti minn ħaddieħor minħabba l-eta' tiegħu jew li l-kriterji li tqiesu kienu b'xi mod determinati mill-eta' ta' dak li jkun;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tasal għall-fehma ma ntweriex li t-talba tar-rikorrent għal sejbien tal-ksur tal-jedd tiegħu li ma jkunx trattat b'mod diskriminatorju għall-finijiet tal-Konvenzjoni hija mistħoqqa lanqas;

---

[49] Q.E.D.B. GC **14.4.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Stec et vs Renju Unit*** (Applik. 65731/01) § 48
[50] Q.E.D.B. GC **16.3.2010** fil-kawża fl-smijiet ***Orsus et vs Kroazja*** (Applik. Nru. 15766/03) §§ 156 – 7
[51] Q.E.D.B. GC **29.4.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Burden vs Renju Unit*** (Applik. Nru. 13378/05) §§ 58 – 61

Illi fid-dawl ta' dawn il-konklużjonijiet, mhuwiex il-każ li l-Qorti tqis it-talbiet l-oħrajn tar-rikorrent;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari** tal-intimati u ssib li l-intimati Ellul-Micallef, Briguglio, Darmanin u Magro, ma humiex il-kontradittturi leġittimi tal-azzjoni attriċi u b'hekk teħlishom mill-ħarsien tal-ġudizzju **bi spejjeż** għar-rikorrent;

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari** tal-imsejjaħ fil-kawża l-Avukat Ġenerali billi ssib li mhuwiex il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni u l-ilmenti tar-rikorrent u b'hekk teħilsu mill-ħarsien tal-ġudizzju **bi spejjeż** għar-Rettur intimat *nomine* li talab is-sejħa fil-kawża tiegħu;

**Tiċħad l-ewwel talba tar-rikorrent** billi ma ntweriex li huwa ġarrab ksur kemm tal-jedd tiegħu li ma jkunx suġġettat għal trattament inuman jew degradanti u kif ukoll li ma jingħatax trattament diskriminatorju u dan kemm taħt l-artikoli 36 u 45 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt l-artikoli 3 u 14 tal-Konvenzjoni; u

**Tiċħad it-talbiet l-oħrajn** tar-rikorrent ladarba konsegwenzjali għall-ewwel talba, **bl-ispejjeż.**

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**17 ta' Novembru, 2015**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Registratur**

**17 ta' Novembru, 2015**